# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

Udejnza tal-11 ta' Gunju 2024

**Talba nru. 402/2023**

**ROBIN STEVENS**
**(KI 24714AM)**

*VERSUS*

**ZARB COACHES LTD**
**(C-28927)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fit-3 ta' Novembru 2023 (Fol 1 et seq), l-attur talab lil dan it-Trubunal jikkundanna lils-socjeta konvenuta sabiex ihallas is-somma ta' tlett elef u hames mitt Ewro (3500.00) liema somma tirraprezenta sorte, imghax u spejjez legali li l-attur gie ikkunannat ihallas mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency et nominee vs Robin Stevens and Zarb Coaches Ltd". L-attur jikkontendi illi din is-somma tiraprezenta danni subiti mil-attur ghaliex is-socjeta konvenuta ma assiguratx il-vettura taghha bix tkopri lill-attur li kien qed isuq l-imsemmija vettura taht l-inkarigu tas-socjeta konvenuta. Bl-ispejjez u bl-imghax inkluz spejjez ta' l-itra ufficcjali.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fit-30 ta' Jannar 2023 fejn gie eccepit illi prelimarjament is-sentenza "Elmo Insurance Agency et nomine vs Robin Stevens and Zarb Coaches Ltd" tikkostitwixxi gudikat bejn il-partijiet u li ghaldaqstant permezz ta' din il-kawza, dak li qed jitlob l-attur huwa li jbiddel dak li huwa gudikat. Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra illi t-Tribunal ta l-fakolta lill-attur sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni prelimari imressqa mis-socjeta konvenuta, liema nota giet ipprezentata fit-8 ta' Marzu 2024.

Ra illi s-socjeta konvenuta wiegbet ghal din in-nota ta' sottimissjonijiet fis-17 ta' Mejju 2024.

Ra illi din il-kawza thalliet ghal sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidra

Illi kif diga' individwat, il-prezenti sentenza hija ristretta ghall-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari u legali mqanqla mill-kumpannija konvenuta. L-imsemmija eccezzjoni sejra tigi mistharga u cioe jekk it-talbiet attrici jaqawx taht il-parametri legali li jikkostitwixxu gudikat.

Illi jibda biex jinghad illi t-talba attrici hija bbazata fuq danni li huma rizultat ta' kawza, fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency et nominee vs Robin Stevens and Zarb Coaches Ltd", li giet deciza minn dan it-Tribunal kif diversament presedut. Is-socjeta konvenuta targumenta illi dawn id-danni ga gew decizi billi l-attur gie kkundannat ihallas l-ammont li issa qed jippretendi minghand is-socjeta konvenuta f'din il-kawza.

Illi l-attur fin-nota tieghu jghid illi, "*Minhabba illi s-socjeta konvenuta ma kelliex polza ta' assikurazzjoni li tkopri lill-esponent, peress illi rrizulta illi l-incident kien tort tieghu, huwa kellu johrog il-hsarat ikkawzati fil-vetura l-ohra hu mentri li kieku s-socjeta konvenuta harget polza ta' assikurazzjoni kienet thallas kollox l-assikurazzjoni*."

L-attur jargumenta illi l-oggett tal-kawza huma kjarament differenti mill-kawza deciza ghaliex fil-kawza maqtugha l-oggett kien danni sofferti minn Gemma Depasquale mentri din id-darba d-danni pretizi gew sofferti mill-attur. Ikompli jghid illi anke l-partijiet huma differenti. L-attur jaghlaq l-argumenti tieghu billi jghid illi anke l-mertu huwa differenti ghaliex fil-kawza deciza l-mertu kien danni kkawzati minn negligenza u non-osservanza filwaqt illi f'din il-kawza l-mertu huwa danni subiti minhabba li s-socjeta konvenuta ma hargitx l-polza ta' assikurazzjoni.

Min-naha taghha s-socjeta konvenuta tghid illi t-talba kif dedotta mill-attur ga giet trattata u deciza – "*Il-partijiet sottolineati juru l-premessa (causa pretendi) li fuqha s-socjeta esponenti kienet giet citata in gudizzju f'dik il-kawza hija l-istess premessa li fuqha l-attur issa ipproceda kontra s-socjeta esponenti b'din il-kawza, ghalhekk eadem causa petendi*." Ghaldaqstant galdaraba l-attur u s-socjeta konvenuta kienu partijiet fil-kawza li ghaddiet in gudikat, din tohloq stat bejn il-partijiet. Is-socjeta konvenuta tghid illi ma jistax ikollox gudizzju li jillibera lis-socjeta konvenuta minn kull responsabbilta u wara jkollok gudizzju iehor bejn uhud mill-partijiet li jghid mod iehor.

Illi tlieta huma l-elementi essenzjali bejn iż-żewġ kawżi sabiex l-eċċezzjoni tar-res iudiata tiġi kkunsidrata mistħoqqa, li huma:

a) Għandhom l-istess oġġett, u cioe' jitolbu l-istess ħaġa (eadem res);

b) Għandhom l-istess kawżali u cioe' l-istess raġuni għad-domanda (eadem causa petendi); u

c) Huma bejn l-istess partijiet (eadem personae).

Illi kemm-il darba jkun hemm nieqes wieħed minn dawn it-tlett elementi, l-eċċezzjoni tar-res judicata ma tistax tirnexxi.

Illi l-ewwel ser jigi mistharreg l-element ta' l-*eadem res*. Ingħad f'diversi sentenzi illi dan l-element jinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Ingħad ukoll li din l-identità ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni kawza jkun jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel kawza. Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista' permezz ta' kawża oħra jiftaħ it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diġà ġew diskussi f`kawża deċiża b'sentenza li diġà tkun għaddiet in ġudikat.

Illi għar-rigward tal-*eadem causa petendi*, din il-kondizzjoni tirrikjedi li "*the cause of the claim*" kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tavvera ruħha, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuti fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.

Dwar jekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tas-sentenza jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu għal dik is-sentenza, inżamm illi l-kwistjoni li dwarha titressaq l-eċċezzjoni tal-ġudikat jeħtieġ li, fil-fatt, tkun ġiet effettivament deċiża fl-ewwel sentenza u mhux biss setgħet ġiet deċiża. (*Caterina Gerada vs. Av. Dr. Antonio Caruana - Qorti tal-Appell - 7 ta` Marzu 1958*). Il-kunsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet fis-sentenza għandhom iservu sabiex jiddefinixxu u jispjegaw jekk meħtieġ il-parti dispozittiva tas-sentenza li l-konvenut jikkontendi li tikkostitwixxi ġudikat. (*Lino Testaferrata Bonnici v. Josephine Testaferrata Bonnici - Qorti tal-Appell - 12 ta' Mejju 1958*).

L-aħħar element li jeħtieġ li jiġi mistħarreġ huwa l-element tal-*eadem personae* li evidentement jirrikjedi l-preżenza tal-istess persuni in ġudizzju. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet, *"Igino Trapani Galea Feriol et vs. Jane mart Jimmy Agius et"* deċiża fit-2 ta' Lulju 1996 irriteniet:

"*Dan ma kienx ifisser li l-istess promoturi ta' l-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna' u dan wara li r-rikorrenti kienu pproponew kawza antecedentement fuq l-istess premessi minghajr success, fejn ma kienx hemm, bhala parti, r-ragel ta' wahda mir-rikorrenti li pero' kien parti fit-tieni rikors*".

Fid-deċiżjoni, "*Innocenza Debattista et vs. Giovanni Farrugia",* il-Qorti qalet li "*biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg […] li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni*". Dan huwa element bażilari, u dan għaliex sentenza tagħmel stat biss bejn il-partijiet f'dik il-kawża deċiża b'dik is-sentenza.

Illi dan it-Tribunal stharreg l-elementi tar-res iudicata, anke fid-dawl illi tali eccezzjoni, kemm-il darba milqugha, tkun qed tnehhi d-dritt ta' azzjoni. Il-Qrati taghna dejjem urew kawtela kbira meta kkunsidraw u ddecidew fuq tali eccezzjoni. Issir referenza, f'dan is-sens, ghad-decizjoni *in parte* fl-ismijiet, "*Anthony Borg et vs. Anthony Francis Willoughby et*" mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu 2003 fejn ġie ritenut li,

"*Il-fundament ta` l-`actio` u ta` l-`exceptio judicati` hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija `strictissimae interpretationis`. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta` kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta` l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li gja ghaddiet f`gudikat. Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni jista l-gudikat.*

*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet `effettivament` deciza bis-sentenza ta` qabel … Fid-dubju l-Imhallef m`ghandux jippropendi favur l-eccezzjoni tal-gudikat.*"

Fil-kawza "*Kasco Ltd et vs Avukat ta' l-Istat Et*" deciza ricentament, fit-3 ta' Mejju 2024, inghad illi:-

"*Res judicata tfisser ħaġa/kwistjoni diġa deċiża. Huwa paċifiku illi l-eċċezzjoni tar-res judicata għandha bħala s-sisien tagħha l-interess pubbliku; maħsuba sabiex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza finali. Intiża sabiex tbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet konfliġġenti. Għandha l-għan illi tevita l-possibilita' li l-kwistjonijiet jibqgħu miftuħa indefinittivament bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat. Minħabba li min-natura tagħha l-eċċezzjoni tal-ġudikat twaqqaf azzjoni milli tinstema, inżamm illi għandha tingħata interpretazzjoni dejqa. F'każ ta' dubju l-eċċezzjoni ma għandiex tiġi akkolta. (Joseph Camilleri v. Lilian Mallia - Appell Superjuri - 5 ta' Ottubru, 1998).*"

Illi applikata l-ġurisprudenza in materja għall-każ odjern it-Tribunal ser jgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet segwenti.

Illi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* imressqa mis-socjeta konvenuta tirreferi għall-kawża, "*Elmo Insurance Agency et nominee vs Robin Stevens and Zarb Coaches Ltd",* bir-referenza numru TTZ 1315/2003 AJD deciza fit-23 ta' Jannar 2003.

Illi ghar-rigward ta *eadem res*, u cioe l-oġġett mitlub fil-kawza li ghandu quddiemu dan it-Tribunal, huwa hlas ta' danni li fi kliem l-attur stess l-ammont mitlub hija, "*somma tirraprezenta sorte, imghax u spejjez legali li l-attur gie ikkunannat ihallas mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar".* Dawn l-ispejjez, l-attur gie ikkundannat ihallasom lil Elmo Insurance Agency. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-oggett f' din il-kawza huwa l-istess bhal ma kien fl-ewwel kawza u ghaldaqstant dan l-ewwel element jissodisfa r-rekwiziti.

Illi kif ga imsemmi, il-proceduri fl-ewwel kaz gew istitwiti minn attur differenti minn dawn il-proceduri u cioe Elmo Insurance Agency ghan-nom ta' kumpannija assiguratrici estera. Illi ma jistax jinghad illi din il-kawza hija bejn l-istess partijiet ta' l-ewwel kawza kif sottolineat aktar'il fuq. Il-legislatur jinsab implictament jirrikjedi li l-imsemmija tieni vertenza ma tkunx biss dwar l-istess identiku mertu (eadem causa petendi), jew dwar l-istess identiku oggett (eadem res), izda wkoll li din tkun bejn l-istess identici partijiet (eadem personæ). Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-element ta' eadem personae mhux sodisfatt.

Illi l-pretensjoni guridika f'dawk il-proceduri l-ohra kienet rigwardanti negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti min-naha tas-sewwieq qua attur u/jew tas-socjeta konvenuta bhala sid il-vettura. Il-fatti tal-kawza kienu jirrigwardaw responsabbilta derivanti minn incident awtomobilistiku u konsegwenti danni. F'din il-kawza, l-ammont mitlub u l-pretensjoni huma differenti stante illi l-attur qieghed idur fuq is-socjeta konvenuta sabiex thallsu ammont differenti li jirrifletti danni ghal allegati nuqqasijiet tas-socjeta konvenuta.

Illi dan it-Tribunal isib illi r-rekwizit ta' 'l-*eadem personae' u* tal-*causa petendi* ma gewx sodisfatti.

Illi galdarba l-elementi kollha jridu jkunu sodisfatti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat, it-Tribunal ma jistax jilqa din l-eccezzjoni kif prezentata mis-socjeta konvenuta.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi billi jirrespingi l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez marbuta ma' dan l-episodju huma a karigu tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur